# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis**
**Sitta u għoxrin (26) ta' Mejju 2022**

**Rikors Numru 100/2017 FDP**

Fl-ismijiet

**Umberto Montalto (K.I.55987M)**
**Concetta Montalto (K.I.34853M)**

**Vs**

**Onorevoli Ministru għas-Saħħa**
**Direttur tas-Saħħa Istituzzjonali**
**Supretendent tas-Saħħa Pubblika**
**Uffiċjal Mediku Ewlieni tal-Gvern**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 2 ta' Frar 2017, li permezz tiegħu r-rikorrenti talbu is-segwenti:

    1. *Illi fi Frar tas-sena 2015, l-esponenti Concetta Montalto ġiet iddijanjostikata mill-kirurgu kardjologu Mr. Alex Manche b'kundizzjoni medika ta' natura serja ossija "a large ascending aortic aneurysm, over 60mms in the mid ascending aorta extending to the proximal aortic arch", liema kundizzjoni ġiet identifikata wara CT scan meħuda fl-isptar Mater Dei;*

2. *Illi sussegwentement, l-imsemmi kardjologu nforma lill-esponenti li kienet teħtieġ intervent kirurġiku barra minn Malta u li kien għamel kuntatt ma' kirurgu kardjologu fl-Ingilterra, ċertu Mr. Stephen Edmondson, li kien dispost illi jeżegwixxi l-intervent meħtieġ, kopja tal-korrispondenza hawn annessa u mmarkata bħala 'Dok UCM1';*

3. *Illi fis-26 ta' Frar 2015, rappreżentanta tat-Treatment Abroad Committee ikkomunikat ma' Mr. Stephen Edmondson fejn kkonfermat illi l-istess intervent kien jikkwalifika għan-"National Highly Specialized Overseas Referral Programme" u li għaldaqstant l-esponenti Concetta Montalto kienet ser tiġi sponsorjata għall-istess intervent, u dan kif jirriżulta mill-korrispondenza annessa u mmarkata bħala 'Dok UCM2';*

4. *Illi fl-istess ġurnata, u ċioe' nhar il-26 ta' Frar 2015, il-kirurgu Mr. Stephen Edmondson kkonferma illi l-appuntament tal-esponenti Concetta Montalto kien ser jinżamm nhar it-2 ta' Marzu 2015 fl-4:00pm, kif jirriżulta mill-istess korrispondenza;*

5. *Illi l-esponenti, kif pjanat, marru Londra u ltaqgħu mal-kardjologu Mr Stephen Edmondson fit-2 ta' Marzu 2015. Waqt din il-laqgħa, l-istess Mr Edmondson informa lill-esponenti dwar in-natura serja tal-kundizzjoni illi kellha l-esponenti Concetta Montalto, dwar ir-riskji marbuta mal-istess kundizzjoni, dwar in-natura tal-intervent illi kien jeħtieġ illi jseħħ b'mod imminenti u dwar ir-riskji marbuta mal-istess intervent. Inoltre, l-istess Mr Edmondson, in vista tan-natura urġenti tal-kundizzjoni tal-esponenti Concetta Montalto, rrakkomanda illi l-intervent isir mingħajr dewmien u għaldaqstant ġie kkonfermat l-appuntament provviżorju għal nhar is-Sibt 7 ta' Marzu 2015 li għalih issir referenza fil-korrispondenza annessa u mmarkata bħala 'Dok UCM3';*

6. *Illi sussegwentement, l-esponenti Concetta Montalto ġiet ammessa l-isptar ta' 'St. Bartholomew' f'Londra fis-6 ta' Marzu 2015, f'liema ġurnata bdew il-preparamenti kollha meħtieġa għall-intervent kirurġiku li kellu jseħħ l-għada. Tard fil-ġurnata tas-6 ta' Marzu 2016 wara illi l-esponenti kienet ġiet ippreparata mill-istaff mediku għall-intervent, Mr Edmondson informa lill-esponenti illi kien hemm xi problema da parti ta' l-awtoritajiet Maltin per konsegwenza ta' liema, l-isptar St. Bartholomew's ma setax jipproċessa l-intervent taħt in-'National Highly Specialized Overseas Referral Programme";*

7. *Illi f'dan l-istadju, l-esponenti kkomunikaw mal-kirurgu Mr. Alex Manche li nforma lill-istess esponenti illi in vista tal-kundizzjoni serja tal-esponenti Concetta Montalto, l-istess esponenti ma kelliex titlaq mill-Ingilterra in vista tal-possibilità illi l-istess esponenti Concetta Montalto titlef ħajjitha jekk l-Intervent ma jseħħx b'mod immedjat;*

8. *Illi minkejja diversi tentattivi da parti tal-esponenti sabiex jikkomunikaw mal-awtoritajiet Maltin, l-istess awtoritajiet naqsu għal kollox milli jassistu lill-istess esponenti u jipprovdu xi soluzzjoni jew rimedju, b'konsegwenza illi, in vista tal-urġenza marbuta mal-imsemmi intervent kirurġiku, l-esponenti Concetta Montalto, bl-assistenza tal-kirurgi Manche u Edmondson, ġiet ammessa b'mod urġenti għal intervent f'The Wellington Hospital, Londra, nhar il-ħdax (11) ta' Marzu 2015, għal-liema intervent l-esponenti kellhom iħallsu l-ammont ta' ħamsa u għoxrin elf, tliet mija u tlieta u tletin lira sterlina (£25,333) ekwivalenti ħamsa u tletin elf, sitt mija u erbgħa u erbgħin Euro u disgħa u ħamsin ċenteżmu (€35,644.59) skont ir-rata tal-kambju ta' dakinhar. Inoltre, l-esponenti sofrew danni ulterjuri konsistenti, inter alia, f'alloġġjar u vjaġġar meħtieġ in konnessjoni mal-imsemmi intervent.*

9. *Illi minkejja d-diversi tentattivi da parti tal-esponenti sabiex din il-vertenza tiġi riżolta amikevolment, l-awtoritajiet baqgħu inadempjenti, kif jirriżulta mill-komunikazzjoni li ntbagħtet lil Dr Denis Vella Baldacchino (Chief Medical Officer) hawn annessa u mmarkata bħala 'Dok UCM4';*

10. *Illi dawn il-fatti huma a diretta konoxxenza ta' Umberto u Concetta konjuġi Montalto.*

11. *Illi b'riżultat tan-negliġenza, traskuraġni, imperizja u inadempjenza da parti tal-intimati l-esponenti sabu ruħhom kostretti jagħmlu l-arranġamenti neċessarji sabiex iħallsu huma stess l-ispejjeż kollha in konnessjoni mat-trattament mediku fuq imsemmi;*

12. *Illi in vista tal-fatt illi l-kundizzjoni serja tal-attriċi ma kienx jippermettilha illi tittrattjeni iżjed, hekk kif kien ikkonfermat mill-kirurgu Mr. Alex Manche, il-ħajja tal-esponenti tqiegħdet fil-periklu u ġiet serjament preġudikata a skapitu tan-negliġenza, traskuraġni, imperizja u inadempjenza da parti tal-intimati;*

13. *Illi multo magis dan l-għemil tal-intimati jmur kontra l-liġi u jikkostitwixxi ksur ta' l-obbligi tal-awtoritajiet kompetenti versu l-esponenti qua ċittadini ta' l-Unjoni Ewropea, ai termini tal-Kapitoli 3 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunita' Ewropea illi jipprovdu għal-libera ċirkolazzjoni tas-servizzi, kif ukoll ai termini tar-regolament (EEC) Nru. 1408/71, artikolu 22 illi jipprovdi inter alia għat-tgawdija ta' benefiċċji f'każ ta' bżonn ta' kura medika fi Stat Membru ieħor li ma jkunx dak tar-residenza tal-persuna konċernata;*

14. *Illi għalkemm l-esponenti, permezz ta' ittra uffiċjali ppreżentata fl-4 ta' Marzu 2016, interpellaw lill-intimati sabiex minnufih jieħdu l-miżuri opportuni sabiex huma jersqu għal-likwidazzjoni u ħlas tad-danni*

*kollha sofferti mill-esponenti, l-istess intimati baqgħu inadempjenti. Kopja tal-ittra uffiċjali surreferita qed tiġi hawn annessa u mmarkata bħala 'Dok UCM5';*

15. *Illi b'konsegwenza unika u diretta tan-negliġenza, traskuraġni u imperizja da parti tal-intimati, l-esponenti soffrew danni konsistenti, inter alia, fl-ispejjeż kollha minnhom inkorsi in konnessjoni mal-kuri mediċi, trattament u interventi li saru neċessarji in konsegwenza għall-għemil kolpuż fuq imsemmi, u dan kif ser jiġi pruvat fil-mori tal-proċeduri odjerni;*

16. *Illi għalhekk l-istanza odjerna hi mirata sabiex l-esponenti jirkupraw l-ammont ta' ħamsa u għoxrin elf, tliet mija u tlieta u tletin lira sterlina (£25,333) ekwivalenti għal ħamsa u tletin elf, sitt mija u erbgħa u erbgħin Euro u disgħa u ħamsin ċenteżmu (€35,644.59) skond ir-rata tal-kambju ta' dakinhar, flimkien ma' ammonti oħra konsistenti, inter alia, f'alloġjar u vjaġġar meħtieġ in konnessjoni mal-imsemmi intervent, u dan kif ser jiġi ppruvat fil-mori tal-proċeduri odjerni.*

*Għaldaqstant, għar-raġunijiet suesposti, l-esponenti qegħdin bir-rispett jitolbu lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex prevja kwalsiasi dikjarazzjoni u/jew provvediment neċessarju u opportun:*

1. *Tiddikjara illi l-intimati, jew min minnhom, huma unikament responsabbli għad-danni kollha sofferti mill-esponenti bħala konsegwenza tan-negliġenza, traskuraġni, imperizja u inadempjenza da parti tal-istess intimati;*

2. *Tillikwida d-danni kollha sofferti mill-esponenti, okkorendo bl-opera ta' periti nominandi;*

3. *Tikkundanna lill-intimati, jew min minnhom sabiex iħallsu d-danni kollha hekk likwidati.*

*Bl-ispejjeż inklużi dawk tal-ittra uffiċjali u bl-imgħaxijiet legali skont il-liġi.*

2. Rat illi fil-21 ta' Frar 2017 l-intimati Supretendent tas-Saħħa Pubblika, Ministru tas-Saħħa u Direttur tas-Saħħa Istituzzjonali rrispondew għal dak mitlub billi qajmu s-segwenti difiżi:

*Illi preliminarjament kemm il-Ministru għas-Saħħa kif ukoll is-Supretendent tas-Saħħa Pubblika ma humiex leġittimi kontradittùri stante illi d-deċiżjonijiet mertu ta' din il-lanjanza ma ttieħdux minnhom;*

*Illi preliminarjament u mingħajr preġudizzju għal premess in-nomenklatura Tabib Prinċipali tal-Gvern ma teżistix u l-persuna ġuridika illi tokkupa dik il-*

*kariga illum hija magħrufa bħala l-Uffiċjal Mediku Ewlieni tal-Gvern u dana ai termini ta' l-artikolu 4(2) tal-Kap 528;*

*Illi preliminarjament u mingħajr preġudizzju għal premess lanqas ma teżisti il-kariga ta' Direttur tas-Saħħa Istituzzjonali;*

1. *Illi l-proċeduri odjerni ġew intavolati mir-rikorrenti fejn qegħdin ifittxu kumpens pekunarju minħabba trattament kirurġiku li s-sinjura Concetta Montalto għamlet barra minn Malta, speċifikament ġewwa r-Renju Unit;*

2. *Illi r-rikorrenti qegħdin jippretendu li dan it-trattament kellu jiġi ffinanzjat mill-Gvem taħt l-arranġament li hemm mar-Renju Unit rigward Sponsored Medical Treatment Abroad;*

3. *Illi preliminarjament it-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda kategorikament bl-ispejjeż u dan kif ser jiġi ppruvat fil-mori tal-kawża odjerna;*

4. *Illi subordinament u mingħajr preġudizzju għal premess, kuntrarjament għal dak li qed jiġi allegat mir-rikorrenti, l-esponenti bl-ebda mod ma rrenda ruħu negliġenti u traskurat jew wera imperizja w inadempjenza fil-konfront tar-rikorrenti;*

5. *Illi subordinament u mingħajr preġudizzju għal premess, kuntrarju għal dak allegat mir-rikorrenti d-deċiżjoni meħuda mill-esponenti ttieħdet wara li saru l-aċċertament appositi fiċ-ċirkostanzi preżentati;*

6. *Illi konsegwentement għaldaqstant l-esponenti ma huwiex responsabbli għal ebda danni allegatament kkaġunati lir-rikorrenti hekk kif ser jiġi ppruvat fil-mori tal-kawża:*

7. *Illi r-rikorrenti kienu ben konsapevoli tal-iter li huwa stabbilit f'każijiet simili bħal tagħha; proċess li ma jikser l-ebda provvediment leġislattiv u ma jilleża bl-ebda mod xi dritt li għandha r-rikorrenti li jkollha aċċess għal kura medika barra minn Malta;*

8. *Illi r-rikorrenti kienu wkoll ben konxji x'kienet tirrikjedi l-proċedura għall-trattament barra minn xtutna, għaliex kienu ġew infurmati, anke bil-miktub, li jekk pazjent waqt li jkun ir-Renju Unit jiġi nfurmat li ser jiġi amministrat trattament differenti minn dak li huwa ġie rriferut għalih, huwa għandu jinforma lil Kummissjoni Għolja Maltija immedjatament, sabiex tintalab l-approvazzjoni li tkopri kwalunkwe spejjeż addizzjonali li dan it-trattament jista' jġib miegħu;*

9. *Illi r-rikorrenti kienu wkoll jafu li huma biss it-trattamenti li jagħmlu parti mill-lista speċifika ta' trattamenti li dan is-servizz joffri u li eventwalment jkunu imħallsa, u jekk trattament ma jkunx awtorizzat allura dan ikun r-responsabbiltà espliċita tar-rikorrenti;*

10. *Illi r-rikorrenti kienu ben konsapevoli wkoll li huma biss il-faċilitajiet li jaqgħu taħt in-National Health Services li jkopru l-ispejjeż tal-kura u t-trattament meħtieġ u l-ispejjeż ta' kwalunkwe trattament jew kura li tittieħed fi sptar li m'huwiex f'din il-lista ma jkunux koperti;*

11. *Illi għalhekk r-rikorrenti kienet taf ukoll li jekk tieħu trattament mingħajr awtorizzazzjoni minn qabel, it-talbiet għar-rifużjoni tal-ispejjeż ma jkunux jistgħu jiġu kkunsidrati;*

12. *Illi għalkemm din il-proċedura tista' tidher li hija waħda riġida, wieħed irid jifhem illi jekk ma jkunx hemm dawn ir-regoli stabbiliti fis-sistema tas-Saħħa Nazzjonali u kulħadd jaqbad u jmur għall-trattament barra mill-pajjiż mingħajr awtoriżazzjoni preċedenti jkun hawn kaos, abbuż u diżordni sħiħa fis-sistema tas-Saħħa;*

13. *Illi kienu ir-rikorrenti li għażlu li trattament isir fi Sptar li ma jaqax taħt in-National Health Services u għaldaqstant minn imkien ma jirriżulta illi r-rikorrenti għandhom xi dritt awtomatiku li tiġi rimborżati. għal ispejjeż li għamlu, għall-trattament u kura, li sar barra minn Malta u a karigu tal-Gvern;*

*Għaldaqstant in vista tal-premess l-esponenti jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex tiċħad it-talbiet kollha tar-rikorrenti u għalhekk ma jirrispondix għad-danni pretiżi, stante li d-deċiżjoni li ha kienet waħda bbażata fuq kriterji stabbiliti a' bażi ta' parametri oġġettivi u prinċipji ġusti, li ma jikkostitwixxux xi ksur tad-dritt pretiż mir-rikorrenti.*

**Provi:**

3. Rat li ġiet irtirata l-ewwel eċċezzjoni in vista tad-digriet mogħti minn din il-Qorti fit-8 ta' Marzu 2017, billi ġie korrett l-isem minn Uffiċjal Mediku tal-Gvern u din il-korrezzjoni saret a tenur tal-Artikolu 175 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta. (fol 48).

4. Rat ix-xhieda tal-**Professur Alex Manche`** minnu mogħtija fl-awla fit-2 ta' Mejju 2017 (fol 53).

5. Rat l-affidavit ta' **Concetta Montalto** ippreżentat fl-1 ta' Ġunju 2017 (Dok A) (fol 67).

6. Rat l-affidavit ta' **Umberto Montalto** ippreżentat fl-1 ta' Ġunju 2017 (fol 83).

7. Rat in-nota tal-atturi ippreżentata 21 ta' Ġunju 2017, bl-elenku tal-ispejjeż (fol 99 sa 134).

8. Rat ix-xhieda ta' **Dr Noel Fenech**, minnu mogħtija fl-Awla fil-21 ta' Ġunju 2017 fil-kapaċita' tiegħu ta' Chairman tat-Treatment Abroad Committee fiż-żmien tal-akkadut. (fol 135)

9. Rat ix-xhieda ulterjuri ta’ **Dr. Noel Fenech** minnu mogħtija fit-18 ta’ Jannar 2017 (fol 161).

10. Rat ix-xhieda ta’ **Dr. Dennis Vella Baldacchino**, bħala Tabib Ewlieni tal-Gvern, minnu mogħtija fit-13 ta’ Marzu 2018 (fol 170).

11. Rat ix-xhieda ulterjuri ta’ Dr. Dennis Vella Baldacchino minnu mogħtija fl-Awla fl-20 ta’ Ġunju 2018 (fol 182).

12. Rat ix-xhieda ta’ **Michelina Borg**, segretarja responsabbli mil-loġistika tal-pazjenti fi ħdan it-Treatment Abroad Committee tad-Dipartiment tas-Saħħa, minnha mogħtija fl-20 ta’ Ġunju 2018 (fol 185).

13. Rat li din il-Qorti, kif komposta, ħadet konjizzjoni tal-atti fit-8 ta’ Ottubru 2019.

14. Rat illi fl-4 ta’ Frar 2020 l-Qorti ġiet infurmata li l-partijiet mhux ser iressqu lil Mr. Edmondson, għalhekk ir-rikorrenti iddikjaraw li m’għandhomx aktar provi (fol 224).

15. Semgħet ix-xhieda ta’ Dr. Dennis Vella Baldacchino, permezz ta’ video conferencing, prodott mill-intimati u mogħtija fit-12 ta’ Jannar 2021 (fol 236).

16. Rat illi fit-3 ta’ Marzu 2021, fl-assenza ta’ provi da’ parte ta’ l-intimati, l-Qorti ddikjarat il-provi intimati bħala magħluqa w ddifferiet il-kawża għat-trattazzjoni finali.

17. Rat illi fil-5 ta’ Marzu 2021 l-intimati talbu li jressqu provi w permezz ta’ digriet datat 8 ta’ Marzu 2021, il-Qorti awtorizzat lill-intimati jressqu l-provi tagħhom fis-seduta ta’ wara.

18. Rat illi fil-5 ta’ Mejju 2021, l-intimati għarrfu lill-Qorti illi ma kellhom ebda provi oħra xi jressqu.

19. Rat illi fit-13 ta’ Lulju 2021, il-partijiet qablu illi l-kawża setgħet titħalla għas-sottomissjonijiet finali bil-miktub.

20. Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tar-rikorrenti Umberto u Concetta Montalto ippreżentata fl-1 ta’ Diċembru 2021 (fol 251).

21. Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-intimati preżentata fis-16 ta’ Marzu 2022. (fol 288).

22. Rat illi fis-16 ta’ Marzu 2022, il-kawża ġiet differita għallum għas-sentenza.

## Fatti tal-każ

23. Jirriżulta li r-rikorrenti Concetta Montalto, meta kellha ftit aktar minn sittin sena, fis-sena 2015 ġiet iddjanjostikata mill-kirurgu kardjologu Mr. Alex Manche` b’kundizzjoni medika deskritta bħala aortic stanosis, li kien jenħtieġ attenzjoni immedjata.

24. Jirriżulta, di fatti, li r-rikorrenti kienet ġiet preċedentement operata minn Mr. Alex Manche` fl-2009, iżda rriżultaw kumplikazzjonijiet, fejn irriżulta li kellu jiġi stallat fuqha pacemaker. Sussegwentement, jirriżulta li r-rikorrenti saritilha wkoll operazzjoni tat-thyroid.

25. L-istess kirurgu Mr. Alex Manche` kien induna fil-bidu ta' Frar 2015, li l-aorta tar-rikorrenti infetħet b'mod sinjifikanti, u għalhekk ir-rikorrenti ġiet referuta lil Mr Stephen Edmondson f'St Bartholomew's Hospital, fl-Ingilterra, għaliex l-intervent meħtieġ fuq ir-rikorrenti kien wieħed urġenti u ma setax isir f'Malta.

26. Jirriżulta mill-provi, li saru l-arranġamenti meħtieġa tramite t-Treatment Abroad Committee fi ħdan l-Isptar Mater Dei u fl-24 ta' Frar 2015 saru l-arranġamenti sabiex, taħt in-National Highly Specialized Overseas Referral Programme, ir-rikorrenti tiġi operata taħt is-sistema NHS fl-Ingilterra. (fol 142)

27. Jirriżulta li sussegwentement, fit-2 ta' Marzu 2015, ir-rikorrenti Concetta Montalto marret tiltaqa' mal-kardjologu Ingliż, Mr Stephen Edmondson, ġewwa Londra u għarrafha illi l-intervent kien wieħed urġenti, u għalhekk saru l-arranġamenti sabiex tidħol il-Barts Hospital ġewwa Londra, fis-6 ta' Marzu 2015 u ssirilha l-operazzjoni l-għada, 7 ta' Marzu 2015.

28. Jirriżulta illi, fis-6 ta' Marzu 2015, filwaqt illi r-rikorrenti Concetta Montalto kienu qed isirulha t-testijiet u arranġamenti neċessarji biex issirilha l-operazzjoni, ġiet mgħarrfa flimkien mar-raġel tagħha, r-rikorrent Umberto Montalto, illi kien hemm problema amministrattiva bejn l-Isptar u l-Awtortajiet Maltin, fejn filwaqt illi l-Isptar Barts kien qiegħed jitlob garazija għall-ħlas tal-operazzjoni, l-Awtorajiet Maltin kienu qed jikkwotaw Numru 175 bħala indikazzjoni illi r-rikorrenti kienet taqa' fil-kwota illi l-awtoritajiet Maltin għas-servizzi taħt il-Programme fuq imsemmi.

29. Jirriżulta illi tali diżgwid bejn l-Isptar Barts u l-Awtoritajiet Maltin wassal sabiex ir-rikorrenti tiġi infurmata li l-operazzjoni urġenti li kienet ser issirilha ma kinetx ser issir u kellha titlaq mill-Isptar.

30. Jirriżulta illi r-rikorrenti, kif ukoll il-konsulent lokali tagħhom, Mr Alex Manche, għamlu varji tentattivi sabiex jingħataw informazzjoni mingħand l-awtoritajiet Maltin, iżda baqgħu mingħajr risposta peress illi l-operazzjoni kella sseħħ is-Sibt filgħodu, u ħadd ma seta' jagħtihom risposta sat-Tnejn ta' wara, minkejja l-urġenza tan-natura tal-każ tar-rikorrenti.

31. Jirriżulta illi, in vista ta' tali nuqqas, kif ukoll l-urġenza tal-każ w l-istat ta' ansjeta illi kien irrekat lir-rikorrenti dina s-sitwazzjoni kollha, ir-rikorrenti b'urġenza ġiet ammessa fi sptar ieħor The Wellington Hospital f'Londra fil-11 ta' Marzu 2015, fejn dakinhar sarilha l-intervent kirurġiku illi qabel kien ser isir ġewwa l-Barts Hospital. Dan kien sptar privat, fejn ir-rikorrenti ġiet operata mill-istess Mr Edmondson, u bħala riżultat ir-rikorrenti ħallsu 25,333 sterlini ekwivalenti għal Ewro 35,644.59.

## Proċeduri Odjerni

32. Jirriżulta, mill-premessi u mill-provi prodotti, illi r-rikorrenti qiegħda, permezz tal-azzjoni preżenti, titlob danni wara li hija kellha tħallas għall-intervent mediku li sarilha fl-Ingilterra, meta hija kienet applikat u ġiet approvata l-applikazzjoni tramite t-Treatment Abroad Committee f'Malta. Ladarba dan l-intervent fl-aorta, li kellu jsir mill-NHS ma sarilhiex hija kellha tintervjeni fi sptar privat fl-Ingilterra. Għalhekk, permezz ta' dan il-każ ir-rikorrenti qegħdin jipproċedu għad-danni.

33. Jirriżulta, mill-banda l-oħra, illi l-intimati irrispinġew il-pretensjonijiet tar-rikorrenti billi eċċepew preliminarjament li l-Ministru u s-Superintendent tas-Saħħa mhumiex il-leġittimi kontradittturi. Ġie sostnut, li l-intimat bl-ebda mod ma rrenda ruħu negliġenti u traskurat jew wera imperizja, konsegwentement, l-intimati mhumiex ħatja għal danni. Ġie eċċepit ukoll, li r-rikorrenti kienet taf x'inhu l-iter f'każijiet bħal tagħha, li tirrikjedi proċedura għal trattament barra minn Malta, u r-rikorrenti kienu wkoll konsapevoli li huma biss faċilitajiet li jaqgħu taħt l-NHS fl-Ingilterra li huma koperti bil-proċedura appozita, liema proċedura hija waħda riġida, li ma tippermettix li kulħadd jaqbad u jmur għal trattament barra l-pajjiż. Inoltre`, ġie eċċepit ukoll, li ladarba r-rikorrenti għażlet li tipproċedi bl-intervent mediku fil-privat, m'għandhiex dritt awtomatiku li tiġi rimborsata għall-ispejjeż inkorsi.

## L-Ewwel Eċċezzjoni preliminari

34. Fl-ewwel eċċezzjoni preliminari, ġie sostnut li kemm il-Ministru tas-Saħħa kif ukoll is-Supretendent tas-Saħħa Pubblika mhumiex il-leġittimi kontradittturi, stante li d-deċiżjonijiet mertu ta' din il-lanjanza ma ttieħdux minnhom.

35. Jingħad, fl-ewwel lok, li għal dak li jikkonċerna l-Ministru tas-Saħħa u s-Supretendent tas-Saħħa, filwaqt li l-Qorti riedet tidħol f'aktar dettall fuq dan il-punt, tinnota li ma tressqet ebda prova attwali f'dan ir-rigward mill-konvenuti. Inoltre`, fis-sottomissjonijiet tal-konvenuti, jingħad, li l-ewwel eċċezzjoni ġiet irtirata, meta fil-fatt, bi żball u malintiż tal-konvenuti, ġiet irtirata t-tieni eċċezzjoni preliminari, kif ser jiġi spjegat fil-paragrafi taħt it-titolu, 'it-tieni eċċezzjoni preliminari.'

36. Minbarra hekk, fl-istess sottomissjonijiet tal-konvenuti, saret referenza għall-Att Dwar is-Saħħa Pubblika (Kap 465 tal-Liġijiet ta' Malta), u għall-artikoli 3 u 4 ta' dak il-Kap 465, li jitkellmu biss dwar is-Supretendent tas-Saħħa Pubblika. Anke kieku għall-grazzja tal-argument, is-Supretendent tas-Saħħa Pubblika m'għandux involviment dwar is-servizz tat-Treatment Abroad Committee, l-istess ma jistax jingħad għall-Ministeru tas-Saħħa. Illi dak ċitat fis-sottomissjonijiet tal-konvenuti, minnu nnifsu mhuwiex prova suffiċjenti li tiddetermina li l-Ministru tas-Saħħa m'għandux involviment fis-servizz li dwaru qed jilmentaw ir-rikorrenti.

37. Għaldaqstant, tirrespinġi l-ewwel eċċezzjoni preliminari.

## It-tieni eċċezzjoni preliminari

38. Fit-tieni eċċezzjoni preliminari, ġie sostnut, li n-nomenklatura tat-Tabib Prinċipali tal-Gvern ma teżistix u l-persuna ġuridika li tokkupa dik il-kariga illum hija magħrufa bħala l-Uffiċjal Mediku Ewlieni tal-Gvern u dan ai termini tal-Artikolu 4(2) tal-Kap 528.

39. Fil-verbal datat 8 ta' Marzu 2017, l-avukat difensur tar-rikorrenti, in vista ta' dak eċċepit dwar it-tabib Prinċipali tal-Gvern u li d-delineazzjoni tiegħu llum hija Uffiċjal Mediku tal-Gvern, intalbet korrezzjoni ai termini tal-Artikolu 175 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, u l-Qorti laqgħet it-talba f'dan ir-rigward.

40. In segwitu, jirriżulta, li fl-10 ta' Marzu 2017, ġiet ippreżentata nota mill-konvenuti, li permezz tagħha irtiraw l-ewwel eċċezzjoni preliminari in vista tad-digriet datat 8 ta' Marzu 2017. (fol 48 tal-proċess).

41. Jiġi osservat, li meta l-konvenuti, f'din in-nota rreferew għad-digriet datat 8 ta' Marzu 2017, dan id-digriet kien jirrigwarda it-tieni eċċezzjoni preliminari, u mhux l-ewwel eċċezzjoni preliminari. Għalhekk, din il-Qorti tifhem li f'din in-nota sar żball ġenwin da parti tal-konvenuti, li riedu jirtiraw it-tieni eċċezzjoni preliminari u mhux l-ewwel eċċezzjoni preliminari. Dan qed jiġi ipprečiżat a skans ta' ekwivoku. Fil-fatt, ladarba fin-nota a fol 48 tal-proċess, qed issir referenza preċiża għad-digriet datat 8 ta' Marzu 2017, fejn saret referenza għad-delineazzjoni tal-lum, li hija uffiċjali Mediku tal-Gvern u saret id-debita korrezzjoni. Għalhekk, huwa evidenti, li n-nota tal-konvenuti a fol 48 tirreferi litteralment għall-irtirar tat-tieni eċċezzjoni preliminari.

42. In vista tad-debita korrezzjoni kif awtorizzata permezz tad-digriet datat 8 ta' Marzu 2017, u in vista tan-nota tal-konvenuti eżebita, intiża evidentement għal din it-tieni eċċezzjoni, din il-Qorti qed tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni eċċezzjoni stante li sorvolata.

## It-tielet eċċezzjoni preliminari

43. Fit-tielet eċċezzjoni preliminari, ġie eċċepit li ma teżistix il-kariga ta' Direttur tas-Saħħa Istituzzjonali.

44. Illi dwar dan il-punt ma saret ebda prova da parti tal-konvenuti. Nonostante dan, permezz tad-digriet datat 8 ta' Marzu 2017, fejn saret id-debita korrezzjoni għal Uffiċjal Mediku Ewlieni tal-Gvern, ma jidhirx li huwa l-każ li wieħed jindaga ulterjorment dwar id-Direttur tas-Saħħa Istituzzjonali.

45. Għalhekk, din il-Qorti qed tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-tielet eċċezzjoni preliminari, stante li eżawrita u daħal fil-każ l-Uffiċjal Mediku Ewlieni tal-Gvern.

## Meritu tal-każ

46. Ir-rikorrenti qed jikkontendu li wara li għaddew mill-applikazzjoni appożita tramite t-'*Treatment Abroad Committee*', hija kienet ġiet approvata li ssirilha intervent fl-aorta fil-National Health Service ta' l-Ingilterra. Madankollu, ir-rikorrenti qed jikkontendu li

minħabba nuqqas ta’ komunikazzjoni da parti tal-awtorita` hawn Malta, l-intervent fl-aħħar minuta ma sarilhiex mill-NHS.

47. Peress li r-rikorrenti qed isostnu li dan kien intervent li kellu jsir urġentement, huma kellhom jipproċedu bl-intervent fi sptar privat fl-Ingilterra. It-talbiet u l-pretensjonijiet tar-rikorrenti huma ppernjati fuq id-danni pretiżi ladarba l-intervent ma sarx u kellhom iħallsu somma sostanzjali sabiex l-intervent sar privatament fl-Ingilterra.

48. Fis-sottomissjonijiet tagħhom u fix-xhieda, ir-rikorrenti rreferew għall-fatti meta ġiet ikkanċellata l-operazzjoni fl-isptar St. Bart’s. Ir-rikorrenti mill-ewwel ikkomunikaw mal-Professur Manche, u, ma’ Rita Ghio in rappreżentanza tal-Malta High Commission sabiex is-sitwazzjoni tiġi rimedjata. Iżda, kienu ġew infurmati li l-proċess ta’ applikazzjoni mat-Treatment Abroad Committee ried jibda mill-ġdid minkejja illi kien preċendetement approvat.

49. Kien biss wara din l-aħbar, li r-rikorrenti iddeċidew li jipproċedu immedjatament bl-intervent fi sptar privat taħt l-istess kura ta’ Mr. Edmondson. Ġie sottomess mir-rikorrenti, li dan l-intervent li kellha tagħmel Concetta Montalto kien intervent serju u urġenti, li ma setax jitħalla jistenna. Ġie sottomess ukoll, li huma kienu konsapevoli, li l-intervent jista’ jsir b’xejn biss taħt l-iskema tal-NHS. Madankollu, wara l-applikazzjoni tagħha, pjenament approvata mill-Bord tat-‘Treatment Abroad Committee ‘f’Malta, ir-rikorrenti kienet intitolata li tingħata t-trattament b’xejn, skont l-iskema ta’ saħħa nazzjonali, li taqa’ taħt il-proċess amministrattiv ‘National Highly Specialised Overseas Referral Programme.’

50. Minn naħa l-oħra, l-intimati, fis-sottomissjonijiet, isostnu li r-rikorrent kienu ben konsapevoli tal-proċess amministrattiv relatat mal-operazzjoni, fil-fatt ingħataw l-informazzjoni kollha relatata mal-proċess qabel ma telgħu l-Ingilterra minn Michelina Borg. L-intimati ikkonfermaw li wara li ġiet ikkanċellata l-operazzjoni mistennija fl-isptar St. Bart’s ir-rikorrenti ġiet infurmata li kellha tistenna ftit aktar żmien. Għalhekk, dan il-fatt, li r-rikorrenti ingħataw struzzjoni sabiex jistennew huwa inkontestat. Dak ikkontestat huwa l-urġenza li qed jisħqu fuqha r-rikorrenti. Inoltre`, ġie sottomess ukoll mill-intimati, li d-deċiżjoni li r-rikorrenti tiġi operata privatament fl-Ingilterra ittieħdet mir-rikorrenti minn jeddhom, mingħajr awtorizzazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti. Għal din ir-raġuni, hemm oppożizzjoni riġida da parti tal-intimati biex jirrifondu lir-rikorrenti għall-ispejjeż tal-intervent privat stante, li ġie sostnut, li hemm regola riġida dwar dan.

51. Il-Qorti hawnhekk tibda billi tosserva, fl-ewwel lok, li huwa imperattiv li jiġi puntwalizzat li s-serjeta’ tal-kundizzjoni tar-rikorrenti Concetta Montalto toħroġ ċar mix-xhieda tal-Profs Alex Manche`:

> *“Kont iltqajt mar-rikorrenti Concetta Montalto fl-elfejn u disgħa (2009) u ġiet għandi bi problema ta’ aortic stenosis. Din hija kundizzjoni illi jkun hemm djuq tal-valve tal-qalb u li jirrikjedi s-sostituzzjon tiegħu ...*

*Din il-kundizzjoni li kienet qed issofri minnha r-rikorrenti Concetta Montalto kienet waħda serja u kienet fi stat illi jekk ma jinbidilx il-valve fi żmien tlett snin ikun hemm ċans kbir li setgħet tmut b'dik il-kundizzjoni. Fil-fatt l-operazzjoni saret fl-2009, saret minni stess biddilt il-valve u għamilt wieħed mekkaniku. Wara l-operazzjoni kien kumplikazzjoni li r-riżultat tagħha r-rikorrenti Concetta Montalto kellha bżonn li jiġi installat fuqha pacemaker (permanenti).*

*... Jien bqajt insegwi l-progress tal-istess rikorrenti. Fl-2013, l-istess rikorrenti kellha bżonn operazzjoni fuq it-thyroid liema operazzjoni jiena estranju għaliha pero jiena kont involut peress li r-rikorrenti kienet fuq anti-cardiants u kelli nagħti l-pariri tiegħi fir-rigward qabel tgħaddi mill-operazzjoni li kellha bżonn issir.*

*L-operazzjoni saret u kellha eżitu pożittiv li kkonferma li l-qalb tar-rikorrenti kienet qed taħdem sew. Erġajna iltqajna jiena u r-rikorrenti fi Frar, 2015, meta jiena eżaminajt lir-rikorrenti smajt ċerti ħsejjes li allarmawni. Ordnajt CT scan tas-sider tar-rikorrenti u dan wera illi l-aorta kienet infetħet sinifikatament.*

*L-artoa hija vina ewlenija li toħroġ mill-qalb u tagħti d-demm lill-ġisem kollu. Il-forzi li jespandu l-aorta hu l-pressjoni tad-demm. Forzi li jżommu lill-aorta integra hija l-ħxuna tal-ħajt tagħha. Meta jkun hemm pressjoni qawwija jew il-ħajt tal-aorta tkun irqiqa ħafna allura din tibda tespandi.*

*Meta tilħaq ċertu limitu meta f'każ ta' mara bħal ma hi r-rikorrenti Concetta Montalto, nqisuh li huwa ta' ħamsin millimetru dijametru. Dan jista' jikkawża illi ikun hemm tqattiegħ tal-aorta. Fil-każ tar-rikorrenti Concetta Montalto d-dijametru wera li kien ta' sittin millimetru u għalhekk kien qies kritiku. Għalhekk erġajt rajt lir-rikorrenti* ***b'urġenza***, *għidtilha li din kienet kundizzjoni li riedet topera ruħha malajr, il-problema kienet tali li r-risoluzzjoni tagħha kienet li kellha bżonn illi tiġi sostitwita l-aorta pero' bil-kumplikazzjoni illi din kienet diġa persuna li diġa infetħet u dan fih innifsu jikkomplika l-proċedura kollha.*

*F'Malta aneurism isiru pero kumbinazzjoni tat-tnejn li huma flimkien kienu għadhom qatt ma saru. Għalhekk, jien ikkuntatjajt espert f'Bart's li nafu sew u staqsejtu jekk kienx lest li jieħu l-pazjenta f'idejh jew li ijkun xi ħadd tat-team tiegħu illi jieħu l-pazjenta f'idejh. Dan kien jismu Stephen Edmondson. Dan huwa ċ-Chief ta' Barts, St Bartholomew's hospital li hu l-akbar sptar tal-kirurġija tal-qalb fl-Ingilterra.*

*Qalli biex nibgħat lill-pazjenta għandu biex jeżaminaha* ***b'urġenza***. *Jiena mill-ewwel ikkuntatjajt lit-Treatment Abroad Committee,*

*infurmajthom* ***li l-każ in kwistjoni kien wieħed urġenti*** *biex dawn jibgħatuha għal dan l-eżami mediku. L-arranġamenti kienu qed isiru bejn il-Kumitat Lokali u Barts, ir-rikorrenti Concetta Montalto ġiet mitluba titla' għall-operazzjoni li kellha ssir fil-ġurnata tas-Sibt u tkun Londra qabel u titla' t-Tnejn ta' qabel.*

*…… Dan biex il-pazjent ikun infurmat li s-sitwazzjoni hija waħda ta' natura serja u jkun jaf il-possibiltajiet kollha li jistgħu jiżviluppaw, anke kumplikazzjonijiet wara l-operazzjoni.*

***Għalhekk, nippruvaw innaqqsu kemm jista' jkun il-perjodu ta' stennija għal operazzjoni stess.*** *Jiena ċert li Mr. Edmondson għandu l-istess filosofija li jqassar kemm jista' ikun dan il-perjodu. Peress li r-rikorrenti kienet fuq il-warfarina kellha tirregola l-mediċini tagħha minħabba l-operazzjoni li kienet imminenti, daħlet l-isptar il-Ħamis jew il-Gimgħa.*

Il-Professur Manche` kompla jixhed hekk dwar l-intervent li sar minn Mr. Edmondson:

*"Ninforma lill-Qorti li Mr. Edmondson kien lest u kien ippreparat illi jagħmel l-operazzjoni fuq ir-rikorrenti u fil-fatt trattaha bħala każ* ***urġenti****……."*

52. Minn din is-silta tax-xhieda, huwa evidenti, li l-Professur Manche`, persuna' ta' integrita' u kompetenza fil-qasam kardjaku ta' fama internazzjonali, u li qed jixhed dwar is-sitwazzjoni medika tar-rikorrenti, saħaq fuq is-serjeta` u l-urġenza tal-każ tar-rikorrenti diversi drabi, kuntrarjament għall-kontestazzjoni tal-intimati dwar l-urġenza tal-każ mediku ta' Concetta Montalto.

53. Kien proprju l-Professur Alex Manche`, li ddijanjostika lir-rikorrenti bil-problema fl-aorta, li mexxa lir-rikorrenti u rreferiha sabiex tapplika tramite t-Treatment Abroad Committee sabiex l-intervent li ma setax isirilha f'Malta, isirilha taħt is-sistema tal-NHS fl-Ingilterra, kif isir f'każijiet ta' din ix-xorta.

54. Kien proprju għalhekk, il-Profs. Manche` ipproċeda sabiex jibda l-proċess amministrattiv biex ir-rikorrenti tittella' l-Ingilterra għall-intervent meħtieġ taħt in-"National Highly Specialised Overseas referral programme". Fil-fatt, jirriżulta mill-provi, li kien Alex Manche` li għadda d-dettalji tal-każ lil Dr. Noel Fenech li kien iċ-Chairman tal-Bord "Treatment Abroad Committee" fl-24 ta' Frar 2015, permezz ta' email.

55. Mill-provi jirriżulta, li r-rikorrenti kienet eliġibbli, u fl-istadju tal-ipproċessar Michaelina Borg, fil-25 ta' Frar 2015 in rappreżentanza tal-Bord "Treatment Abroad Committee" ikkuntattjat lil Mr. Edmondson fl-Ingiltera, fejn anke ġew ikkonfermati d-data u l-ħin għall-pre operation appointment, kf jidher mill-komunikazzjoni eżebita a fol 143 *et sequitur*.

56. Jiġi osservat, li r-rikorrenti mhux biss għaddiet mill-proċedura appożita, li ħadet iż-żmien tagħha sabiex tiġi proċessata, ġiet approvata u ngħatat in-numru tal-kwota, kif jingħataw il-pazjenti l-oħra li jkun ġie approvat li jsirilhom intervent barra minn Malta. Dan ġie ikkonfermat minn Dr. Noel Fenech fix-xhieda tiegħu, li qal li Concetta Montalto kienet ingħatat il-kwota numru mija u ħamsa u sebgħin.

57. Fil-fatt, jinsab pjenament ippruvat, li ġiet iffirmata l-Consent Form li tinsab eżebita a fol 187 tal-proċess, li jfisser li ġiet iffinalizzata l-applikazzjoni tar-rikorrenti. Inoltre`, jirriżulta mill-atti eżebiti, li wara li r-rikorrenti rċeviet numru tal-kwota, kien hemm l-approvazzjoni tal-Bord għall-applikazzjoni tagħha, kif jidher evidentement fid-dokument eżebit a fol 199. Dan jinsab ukoll korroborat bl-emails u korrispondenza b'referenza għall-każ tar-rikorrenti, li jinsabu eżebiti a fol 202 *et sequitur*. Di piu`, ġie kkonfermat fix-xhieda ta' Dr. Noel Fenech bħala Chairman tal-Bord, li l-każ in eżami kien ġie approvat taħt is-sistema tal-NHS fl-Ingilterra. Infatti huwa xehed hekk:

> *"Nikkonferma li dan il-każ kien approvat mill-Bord li kont immexxi. Kien approvat taħt l-iskema tal-NHS. Din l-informazzjoni għaddejniha lir-rikorrenti."*

58. Tant huwa hekk, li fix-xhieda tiegħu, Dr. Noel Fenech sostna li minkejja li ma kienx hemm data stabbilita għall-operazzjoni tar-rikorrenti, din kellha issir bejn id-9 u s-16 ta' Marzu 2015 mill-Professur Edmondson taħt is-sistema tal-NHS. Fix-xhieda tiegħu kompla jispjega, li kull professur barra minn Malta, ikollu żewġ listi, waħda li taqa' taħt is-sitema tal-NHS, li jkun hemm waiting list twila għaliha, u lista oħra fejn il-pazjent ikun fuq lista privata sabiex l-operazzjoni ssir kemm jista' ikun malajr.

**L-ewwel u t-tieni eċċezzjoni tal-intimati fil-mertu**

59. Mhuwiex ikkontestat li r-rikorrenti qed jipproċedu bil-każ in eżami minħabba l-kumpens pekunarju għaliex intervjenew bi trattament kirurġiku fl-Ingilterra. L-ewwel eċċezzjoni hija fattwali, mhijiex ikkontestata. Dak ikkontestat huwa dak eċċepit fit-tieni eċċezzjoni fejn qed jiġi sostnut li r-rikorrenti qed jippretendu li dan it-trattament kellu jiġi iffinanzjat mill-Gvern.

60. Jibda biex jingħad li, konsegwenza tal-arranġament li Malta għandha mar-Renju Unit, ir-rikorrenti issottomettiet l-applikazzjoni tagħha taħt in-'*National Highly Specialised Overseas Referral Programme'*, fejn imbagħad l-applikazzjoni tiġi proċessata mit-Treatment Abroad Committee u mill-bord appositu. Hija proprju din il-proċedura u l-arranġament bejn iż-żewġ pajjiżi, Malta u r-Renju Unit, li jintitolaw lill-applikanti bħar-rikorrenti ikollhom intervent jew trattament b'xejn fl-Ingilterra. Il-pretensjoni tar-rikorrenti hija naxxenti proprju mill-ftehim bilaterali bejn iż-żewġ pajjiżi u l-programm 'National Highly Specialised Referral Programme.'

61. Jirriżulta ippruvat fl-atti, li l-applikazzjoni tar-rikorrenti ġiet proċessata b'suċċess, ġiet iffirmata l-consent form a fol 187 u l-applikazzjoni tagħha ġiet approvata mill-Bord kif jidher a fol 199. Dan mhuwiex ikkontestat mill-partijiet għaliex jirriżulta ċar minn

eżami akkurat tal-provi. Il-kontestazzjoni hija dwar fatti oħra li ha jirriżultaw aktar quddiem anke fl-eċċezzjonijiet sussegwenti.

62. Għalhekk, tiċħad l-ewwel u t-tieni eċċezzjonijiet tal-intimati.

**Il-ħames eċċezzjoni tal-intimati**

63. Ġie eċċepit mill-intimati li, a kuntrarju għal dak allegat mir-rikorrenti, d-deċiżjoni ittieħdet mir-rikorrenti li jipproċedu privatament, wara li saru l-aċċertamenti appożiti fiċ-ċirkostanzi.

64. In sostenn għad-deċiżjoni tar-rikorrenti, hemm il-kostatazzjoni u d-dijanjosi medika tal-Professur Manche, li kien iddikjara, sa minn qabel ir-rikorrenti applikat għall-proċedura u li l-aorta ta' Concetta Montalto kienet diġa 100 millimetri oltre` l-massimu. Din hija ċertament sitwazzjoni serja. Għalhekk, l-argument tal-intimati li d-deċiżjoni ittieħdet mir-rikorrenti ma jreġġix għaliex id-deċiżjoni ittieħdet b'urġenza minħabba s-sitwazzjoni u d-dijanjosi medika, li kienet serja u urġenti u dan jinsab espress fix-xhieda tal-Professur Manche`.

65. Għaldaqstant, tiċħad il-ħames eċċezzjoni tal-intimati.

**Is-seba' sat-tlettax Eċċezzjonijiet tal-intimati**

66. F'dawn l-eċċezzjonijiet, ġie sottomess, li r-rikorrenti kienu ben konsapevoli tal-iter stabbilit f'każijiet simili bħal tagħha, huma kienu wkoll ben konxji x'kienet tirrikjedi l-proċedura għal trattament barra minn Malta, kienu infurmati bil-miktub, u l-pazjent għandu jinforma immedjatament, jekk ikun ser jiġi amministrat trattament differenti. Inoltre`, ġie eċċepit ukoll, li r-rikorrenti kienu jafu li huma biss it-trattamenti li jagħmlu parti mil-lista speċifika ta' trattamenti li dan is-servizz joffri li huma mħallsa.

67. Tramite, l-għaxar eċċezzjoni, ġie eċċepit li huma biss il-faċilitajiet li jaqgħu taħt l-NHS li jkopru l-ispejjeż tal-kura. Inoltre`, ġie sostnut, fl-eċċezzjonijiet sussegwenti, li r-rikorrenti kienu konxji mill-fatt li jekk tieħu trattament mingħajr awtorizzazzjoni, it-talbiet għal rifużjoni ta' spejjeż ma jistgħux jiġu kkunsidrati. Di piu`, ġie sostnut li għalkemm din il-proċedura hija riġida, hemm regoli stabbiliti fis-sistema tas-Saħħa Nazzjonali għaliex ma jistax ikun li kulħadd imur għal trattament ta' spejjeż barra imbagħad jitlob li jiġi rifuż. Minbarra hekk, fl-aħħar eċċezzjoni, ossija t-tlettax il-eċċezzjoni, ġie sostnut, li kienu r-rikorrenti li għażlu li t-trattament isir fi sptar privat, b'hekk m'hemmx dritt awtomatiku li jiġu rimborsati għall-ispejjeż.

68. B'referenza għal dak eċċepit, ir-rikorrenti issottolineaw fis-sottomissjonijiet, li hemm prinċipju pertinenti ta' żmien raġonevoli, fejn għandu jiġi sodisfatt ir-rekwiżit ta' test ta' proporzjonalita`. Dan ġie sostnut, għaliex ir-rikorrenti qed jikkontendu li konsegwenza ta' żball amministrattiv, a detriment ta' saħħet ir-rikorrenti, ma setax isir l-intervent fl-isptar Bart's kopert bl-iskema tal-NHS u kien proprju għal din ir-raġuni, li ma setgħux jingħataw appuntament fi żmien raġonevoli mal-NHS li huma ipproċedew privatament ma' Dr. Edmondson. Ġie sostnut li dan kien każ urġenti u każ

ta' ħajja jew mewt f'każ li r-rikorrenti tħalliet tistenna, b'hekk, kien importanti li r-rikorrenti tiġi operata mill-aktar fis.

69. Ir-rikorrenti komplew isostnu, li kienu ben konsapevoli li r-rikorrenti kienet ser issirilha l-operazzjoni b'xejn minħabba li l-faċilitajiet taħt l-NHS biss kienu koperti, iżda hija kellha l-approvazzjoni sħiħa tal-Bord f'Malta, għalhekk kienet responsabbilta` tal-Bord li jagħmel l-arranġamenti u l-organizzazzjoni meħtieġa biex dak approvat iseħħ.

70. Ir-rikorrenti irreferew ukoll għall-Artikolu 49 u 50 tat-Trattat li Jistablixxi l-Unjoni Ewropea, u l-każ deċiż mill-Qorti tal-Appell fl-ismijiet **Daniel James Cassar vs Direttur tas-Saħħa Istituzzjonali et** deċiża fl-24 ta' Ġunju 2011, dwar id-dritt u l-urġenza li l-persuna tingħata l-opportunita` għall-intervent fi żmien raġonevoli meta jkun każ ta' ħajja jew mewt. Di piu`, ir-rikorrenti sostnew b'referenza għat-tnax u t-tlettax-il eċċezzjoni li huma intervjenew privatament għaliex dan kien każ urġenti u ma setgħux jitħallew jistennew, u bl-ebda mod ma ppruvaw jabbużaw mill-proċedura stabbilita.

71. Il-Qorti tibda biex tosserva li dwar dak referut b'konnessjoni mal-Artikolu 49 u 50 tat-Trattat li Jistabilixxi l-Komunita Ewropea, u l-kawża hemmhekk ċitata, din il-Qorti taqbel ma' dak sottomess mill-intimati, ossija li f'dak il-każ fuq imsemmi, il-fatti u ċ-ċirkostanzi ma kinux l-istess bħal fatti u ċirkostanzi fil-vertenza in eżami. Fil-fatt, f'dak il-każ ma kienx hemm l-awtorizzazzjoni għat-trattament barra minn Malta. Għalhekk, dak ma jistax ikun applikabbli u relevanti għall-każ in eżami.

72. Madankollu, għandu jiġi puntwalizzat, li fil-każ in eżami, kien hemm l-awtorizzazzjoni sħiħa permezz tal-approvazzjoni tal-Bord, eżebita fol 199 sabiex isir l-intervent fl-Ingilterra. Għalhekk, stabbilit fl-ewwel lok, fl-opinjoni medika tal-Profs Manche` il-każ tar-rikorrenti kien każ serju u urġenti li ma setax jitħalla jistenna.

73. Jirriżulta wkoll, fit-tieni lok, li kien hemm l-approvazzjoni sħiħa da parti tal-Bord appożitu, sabiex ir-rikorrenti isirilha l-intervent taħt l-iskema tal-NHS fl-Ingilterra, wara li kienet għaddiet mill-proċedura rikjesta.

74. Jirriżulta, fit-tielet lok, ukoll, li wara li hija kienet l-isptar Bart's lesta għall-operazzjoni, l-operazzjoni ma saritx u ġiet ikkanċellata għaliex ma saritx il-garanzija ta' ħlas da parti tal-intimati.

75. Jirriżulta wkoll, fir-raba' lok, li r-rikorrenti ma qabditx u siefret *di sua sponte*, u marret mill-ewwel sabiex tiġi operata fi sptar privat, iżda marret biss meta ingħata l-assikurazzjoni illi kienet ser tiġi megħjuna mill-awtoritajiet lokali taħt skemi appożiti. Għalhekk, l-argument tal-intimati li r-rikorrenti ma tatx ċans lill-intimati jieħdu azzjoni għaliex mill-ewwel għażlu t-triq ta' operazzjoni privata, ma jreġġix.

76. Huwa ampjament ippruvat li r-rikorrenti ipproċedew fl-isptar privat wara li ngħataw informazzjoni minn Rita Ghio minn Malta, li kellhom <u>jerġgħu japplikaw mill-ġdid</u> u dan kien ser itawwal ferm iż-żmien sabiex isir l-intervent.

77. Fid-dawl ta' dan, din il-Qorti qed tiċħad is-seba' sat-tlettax il-eċċezzjoni tal-intimati fil-mertu.

**Talbiet tar-Rikorrenti - Danni**

78. F'dan il-kuntest, issir referenza għall-**Artikolu 1045(1) tal-Kap 16** tal-Liġijiet ta' Malta li jipprovdi:

> *"Il-ħsara li l-persuna responsabbli għandha twieġeb għaliha .... hija t-telf effettiv li l-għemil tagħha jkun iġib direttament lill-parti li tbati l-ħsara, l-ispejjeż li din il-parti setgħet kellha tagħmel minħabba l-ħsara, it-telf tal-paga jew qliegħ ieħor attwali, u t-telf ta' qliegħ li tbati 'il quddiem minħabba inkapaċita` għal dejjem, totali jew parzjali, li dak l-għemil seta' jġib."*

79. Minn din id-disposizzjoni tal-liġi, jirriżulta ċar, li jeħtieġ ness ta' kawża u effett ma' l-att jew ommissjoni u l-effett dirett fuq min qed jirreklami danni sofferti. Fil-karenza ta' dan in-ness bejn il-kawża u effett, ma jistgħu jingħataw l-ebda danni. Difatti, l-intimati fis-sottomissjonijiet tagħhom, issottomettew li ma teżisti ebda negliġenza, u jew traskuraġni da parti tal-intimati, b'hekk qed jikkontendu li dan in-ness bejn il-kawża u l-effett ma ġiex sodisfatt.

80. Minn naħa l-oħra, ir-rikorrenti isostnu li jeżisti n-ness bejn il-kawża u effett kif meħtieġ skont id-disposizzjoni tal-liġi suċitata stante, li kien hemm nuqqas ta' komunikazzjoni ċara, li wasslet sabiex l-intervent fuq ir-rikorrenti ma seħħx meta hija kienet lesta fl-isptar St. Barts għall-operazzjoni. Dan qed jiġi sostnut anke fid-dawl tax-xhieda tal-Professur Alexa Manche`, li ddikjara li kien hemm nuqqas ta' komunikazzjoni minn naħa tal-Awtorita` f'Malta u l-isptar fl-Ingilterra.

81. Il-Qorti tirrileva li jirriżulta ben ippruvat li r-rikorrenti Concetta Montalto, wara li ingħatat l-approvazzjoni meħtieġa mill-Bord appożitu sabiex isirilha l-intervent fl-isptar St Bartholomew fl-Ingilterra taħt is-sistema tal-NHS, kienet tinsab fl-isptar dakinhar tas-6 ta' Marzu 2015 biex tiġi ppreparata għall-operazzjoni li kienet ser issir l-għada. Iżda, l-operazzjoni tħassret għax l-awtoritajiet Maltin ma ridux jigarantixxu għall-ispejjeż tal-intervent. Mir-riżultanza fattwali, kif ippruvat, jirriżulta, li l-isptar fl-Ingilterra ikkomunika mal-awtorita` f'Malta dakinhar sabiex jingħataw garanzija tal-ħlas għall-intervent in kwistjoni. Minflok il-garanzija tal-ħlas ingħataw in-numru tal-kwota, jew kif jissejjaħ fix-xhieda in-numru tal-capping tar-rikorrenti. Jidher evidentement, li dan ma kienx suffiċjenti għall-isptar fl-Ingilterra. Konsegwentement, l-intervent li kellu jsir fuq ir-rikorrenti tħassar.

82. In segwitu, meta minħabba dan l-iżball amministrattiv, l-intervent fuq ir-rikorrenti ma seħħx, u wara l-kanċellazzjoni tal-intervent, ir-rikorrenti kellha titlaq mill-isptar Barts. Ir-rikorrenti ippruvaw jirrimedjaw billi ikkomunikaw ma' Rita Ghio, li dak iż-żmien kienet tifforma parti mill-'Malta High Commission', the representative of the Department of Health f'Londra tramite l-'Malta High Commission'. Iżda peress li

kienet ġurnata fil-weekend Rita Ghio infurmathom li kellhom jistennew sat-Tnejn filgħodu. Wara li ir-rikorrenti reġgħu ikkomunikaw mal-Profs Manche, li pprova jirrimedja u jintervjeni fis-sitwazzjoni, huma stennew risposta. Iżda, r-risposta li ngħatatilhom minn Rita Għio fl-10 ta' Marzu 2015, kien jekk ir-rikorrenti humiex ser jerġgħu jistennew sakemm jinbeda l-proċess tal-applikazzjoni taħt in-"National Highly Specialised Overseas referral programme", liema proċess kien dam għaddej ċirca xahrejn.

83. Kien in segwitu għal din ir-risposta, li fil-ġurnata ta' wara, u ċioe` fil-11 ta' Marzu 2015, ir-rikorrenti meta anke kkunsidraw il-kundizzjoni medika u l-urġenza meħtieġa, li pproċedew privatament fl-isptar Wellington fl-Ingilterra, dejjem taħt il-kura tal-Professur Eemondson. Il-konvenuti sostnew b'mod riġidu, li r-rikorrenti kienu ben konsapevoli, li huma kienu koperti għal trattament u intervent b'xejn biss taħt is-sistema tal-NHS, u ma messhomx ipproċedew privatament, b'hekk ġie sottolineat mill-konvenuti li ma ġietx ippruvata ebda negliġenza.

84. Din il-Qorti, wara li fliet l-atti tal-każ, ser tagħmel is-segwenti osservazzjonijiet.

   a. Jiġi osservat fl-ewwel lok, li Dr. Noel Fenech fix-xhieda tiegħu, meta mistoqsi jafx għaliex l-operazzjoni minn waħda taħt l-NHS ġiet mibdula għal waħda privata, qal li ma jafx ir-raġuni għal dan. Għalhekk, jidher, li bħala Chairman tal-Bord, ma ġiex infurmat bil-fatt, li meta l-isptar Barts taħt is-sistema tal-NHS talab il-garanzija tal-ħlas din ma ngħatatx u minflok ingħata n-numru tal-kwota ta' Concetta Montalto, ossija l-capping. Inoltre`, il-fatt, li kif ikkonfermat minn Dr. Noel Fenech stess kien ikun hemm waiting list mhux ħażin sabiex il-pazjenti isirilhom intervent taħt l-NHS aktar u aktar, qed jiġi implikat, li r-rikorrenti messha ġiet operata ladarba kienet eliġibbli u għaddiet mill-proċedura meħtieġa, u kien hemm l-approvazzjoni sħiħa tal-Bord ikkonċernat.

   b. Fit-tieni lok, jiġi osservat ukoll, li jidher evidentement li kien hemm nuqqas ta' komunikazzjoni, kuntrarjament għal dak sostnut mill-intimati, peress li Dr. Noel Fenech stess, meta mistoqsi għaliex l-intervent ma sarx, ma weġibx, u qal li ma kienx jaf ir-raġuni. Dan jikkontrasta ferm max-xhieda tiegħu, fejn ikkonferma, li r-rikorrenti intbagħtet l-Ingilterra speċifikatament għall-operazzjoni u mhux għal trattamenti. Fil-fatt, fix-xhieda tiegħu sostna hekk:

      > *"Mistoqsi jekk ir-rikorrenti marritx għat-trattament ngħid li r-rikorrenti ma marritx għat-trattament iżda għal operazzjoni. Din l-operazzjoni kienet ir-raġuni għalfejn ir-rikorrenti intbagħtet l-Ingilterra biex tiġi operata taħt l-NHS Ingliż."*

   Lanqas ma kien a konoxxenza tal-fatt, li r-rikorrenti ġew infurmati minn Rita Ghio, li kellhom japplikaw taħt l-iskema tat-Treatment Abroad Committee mill-ġdid, dan meta r-rikorrenti kienet diġa applikat, l-applikazzjoni tagħha ġiet ipproċessata, u ġiet approvata preċedentement. Ċertament, din il-Qorti tislet, mill-assjem tal-provi, li kien hemm nuqqas da parti tal-intimati, ladarba hija

wara l-approvazzjoni meħtieġa, reġgħet ġiet mitluba tapplika mill-ġdid, u dan wara li rriżulta li kollox kien approvat, lest u kkonfermat għall-intervent biex iseħħ taħt is-sistema tal-NHS. Tant huwa hekk, li permezz ta' email ta' Dr. Charlene Fenech, bħala Manager tal-Bord, kienet bagħtet email datat 6 ta' Marzu 2001 lil Mr Tom Burton Cardiovascular Finance Director fl-isptar fl-Ingilterra, fejn ingħad li l-pazjenta Concetta Montalto kellha quota number, b'hekk kienet intitolata għal trattament b'xejn taħt is-sistema tal-NHS. Dan qed jikkorobora l-provi li fil-fatt, minn Malta ingħata biss in-numru tal-kwota.

Din il-Qorti għalhekk ma tistax tifhem għaliex Dr. Noel Fenech xehed li ma jafx għaliex ma sarx l-intervent taħt l-NHS. Aktar u aktar, li huwa ferm stramb, kif da parti tax-xhieda li xehdu in rappreżentanza tal-intimati, ma tawx spjegazzjoni għaliex ir-rikorrenti ġew infurmati li kellhom jerġgħu japplikaw mill-ġdid wara l-kanċellament tal-intervent f'Barts taħt l-NHS.

Kien fid-dovut obbligu ta' l-intimati li jispjegaw u jagħtu raġunijiet għaliex ftit jiem wara dakinhar li suppost sar l-intervent, ir-rikorrenti ġew infurmati minn Rita Ghio li kellha ssir applikazzjoni mill-ġdid.

c. Fit-tielet lok, relevanti hija x-xhieda ta' Dr. Dennis Vella Baldacchino, li sostna:

> *"…… Aħna qatt ma nagħtu guarantee. Aħna li nagħtu … għandna l-capping ta' kemm intellgħu Maltin l-Ingilterra … l-agreement jippermetti sa massimu ta' (1800 pazjent Malti li imorru fl-ingilterra ………… kellna minn naħa tal-isptar Ingliż li qed jitolbuna guarantee ta' ħlas which hemmhekk mas-sistema tagħna mill-ewwel daqqet ir-red … red alerts.. Imbagħad għidnilhom le, aħna bil-quota number ……… hemmhekk skoprejna li dan l-arranġament li kien qed isir huwa li ħa ssir l-operazzjoni fis-settur privat."*

Hawnhekk, jirriżulta ammess, li ngħata biss numru tal-kwota tal-pazjenta għaliex hekk ġeneralment kien isir, u kien hemm rifjut da parti tal-intimati li tingħata l-garanzija li kienet qed tintalab. Jiġi preċiżat, li wara din il-konferma tal-fatti u r-riżultanzi kif ġraw, inqabeż episodju, ta' kif ir-rikorrenti ġiet infurmata terġa' tapplika mill-ġdid, u dan wara li kien hemm approvazzjoni sħiħa ikkonfermata tal-applikazzjoni preċedenti tagħha li damet ċirca xahrejn. Fl-istess xhieda tegħu, Dr. Dennis Vella Baldacchino xehed li ħadd ma kien infurmah li kien hemm kwistjonijiet mat-Treatment Abroad Committee.

Dan ikompli juri in-nuqqas ta' komunikazzjoni, bejn il-Bord u l-istituzzjonijiet f'Malta u l-isptar Barts fl-Ingilterra.

85. In vista ta' dawn ir-riżultanzi, jidher b'mod ċar, li kuntrarjament għal dak sostnut mill-intimati, kien hemm nuqqas ta' komunikazzjoni u koordinazzjoni milli l-intimati jaderixxu mal-obbligi tagħhom mal-proċedura tal-Bord, liema Bord kien responsabbli

għall-arranġamenti neċessarji biex issir komunikazzjoni diretta u effettiva mal-isptar ġol-Ingilterra. Dan kien meħtieġ aktar u aktar, meta jinqalgħu intoppi, bħal fil-każ in eżami, kif ikkonfermat mill-istess Dr. Vella Baldacchino.

86. Għalhekk, in-ness rikjest ta' kawża u effett, ġie ppruvat fil-każ taħt eżami. In-ness meħtieġ bejn in-nuqqas ta' komunikazzjoni, u għalhekk negliġenza da parti tal-intimati, li kienu effettivament responsabbli biex seħħet iċ-ċirkostanza li kkaġunat id-dannu lir-rikorrenti meta hija intbagħtet fl-Ingilterra għall-operazzjoni bl-approvazzjoni meħtieġa, u minħabba nuqqas ta' komunikazzjoni amministrattiva, tiġi infurmata li trid terġa' tapplika mill-ġdid, u dan meta hija kienet lesta fl-isptar esteru taħt l-NHS sabiex isirilha l-intervent.

87. Għaldaqstant, in vista tas-suespost, din il-Qorti tirrespinġi r-raba' u s-sitt eċċezzjoni tal-intimati, billi ssib li hemm ness ta' kawża u effett bejn in-nuqqas ta' komunikazzjoni u n-negliġenza tal-intimati u s-sitwazzjoni ambigwa li ġiet fiha r-rikorrenti meta kienet fl-esteru, u kellu jsir l-intervent meħtieġ kif jirriżulta approvat a fol 199 tal-proċess.

**Danni**

88. B'referenza għad-danni pretiżi, huwa relevanti, f'dan il-kuntest, il-prinċipju ġenerali dwar danni stabbiliti fl-artikolu 1032 tal-Kap 16.

89. **L-Artikolu 1032 tal-Kap 16** tal-Liġijiet ta' Malta jistipula:

> *"(1) Jitqies fi ħtija kull min bl-għemil tiegħu ma jużax il-prudenza, id-diliġenza, u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja."*

90. Dan ifisser li huwa fi ħtija kull min jiddiporta ruħu b'leġerezza ċensurabbli u b'ineskużabbli imprudenza (Vide **Faddda** 'Giurisprudenza Codice Civile Italiano', para 4467. Għalhekk, in-nozzjoni ta' 'colpa', aċċettata fis-sistema legali tagħna, ibbażżata fuq il-prevedibbilita` li hija distinta mill-previżjoni u sservi biex tiddistingwi l-'colpa' mill-każ fortuwitu.

91. Fid-dawl tas-suespsot, u stante n-nuqqas ta' diliġenza u ta' missier tajjeb tal-familja da parti tal-intimati, ser tintlaqa' t-talba għad-danni għall-akkadut u konsegwenti danni sofferti.

92. Konsegwentement, tiċħad **ir-raba' u s-sitt eċċezzjoni** tal-intimati. Tiċħad ukoll it-tielet eċċezzjoni tal-intimati fil-mertu.

93. Il-Qorti tosserva illi, fil-proċeduri odjerni, ir-rikorrenti preżentaw prospett tad-danni, li kienu jinkludi kemm l-ispejjeż mediċi, kif ukoll spejjeż oħra minnhom inkorsi.

94. Il-Qorti tosserva illi, fost talli spejjeż minnhom inkorsi, kienu hemm ammont ta' Stg 4,153 bħala akkomodazzjoni ġewwa l-Hotel Grande Royale London Hyde Park, li

huwa Hotel ta' erbgħa stilel, għal perjodu ta' ħamsa u għoxrin ġurnata, kif ukoll ikel u spejjeż oħra, inklużi ħwejjeġ u nuċċali tal-vista.

95. Il-Qorti tirrileva illi ċertament tali spejjeż setgħu jiġu ferm ridimensjonati mir-rikorrenti u ma jistgħux jiġu kkunsidrati għal fini ta' danni minnhom inkorsi.

96. Din il-Qorti tqis, li minħabba n-natura tal-każ, il-fatti u ċirkostanzi partikolari, hi ser tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti rigwardanti danni limitatament għall-ispejjeż tal-intervent kirurġiku li sar fl-intervent fl-Ingilterra fil-11 ta' Marzu 2015. Spejjeż oħra ma humiex ser jiġu kkunsidrati minn dina l-Qorti.

97. Għalhekk, ikkunsidrat, li fiċ-ċirkostanzi, it-talbiet tar-rikorrenti rigwardanti danni għandhom jintlaqgħu, limitatament għal dak ippruvat, u għal dak li jikkonċerna l-intervent li sar fil-11 ta' Marzu 2015.

98. Il-Qorti tosserva illi fis-sottomissjonijiet tagħhom, ir-rikorrenti jagħmlu pretensjoni għal-danni morali, b'referenza għal ansjeta u tbatija li sofrew ir-rikorrenti – madanakollu, dina ma hijiex ser tintlaqa' peress li tali danni ma ġew b'ebda mod ippruvati.

99. Għalhekk, din il-Qorti, ser tillikwida d-danni sofferti fl-ammont ta' ħamsa u tletin elf, sitta mija u erbgħa u erbgħin Euro u disgħa u ħamsin ċenteżmu (€35,644.59) ekwivalenti għal £25,333, li huma l-ispejjeż inkorsi għall-intervent kirurġiku fl-isptar Wellington.

**Konklużjoni**

Il-Qorti;

Wara illi rat l-atti kollha proċesswali kollha ppreżentati quddiemha;

Wara illi rat is-sottomissjonijiet tal-abbli difensuri tar-rikorrenti, u tal-intimati;

Tgħaddi biex taqta' u tiddeċiedi l-vertenza odjerna billi:

**Tiċħad** l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-intimati.

**Tastjeni** milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni u t-tielet eċċezzjonijiet preliminari.

**Tiċħad** l- eċċezzjonijiet kollha fil-mertu tal-intimati.

**Tilqa'** t-talbiet tar-rikorrenti kif ġej:

1. **<u>Tilqa' l-ewwel talba</u>** u **TIDDIKJARA** li l-intimati huma responsabbli għad-danni sofferti da parte tar-rikorrenti **limitatament** għall-ispejjeż inkorsi għall-intervent kirurġiku fl-isptar Wellington fl-Ingilterra.

2. **<u>Tilqa' t-tieni talba</u>** u **TILLIKWIDA** d-danni sofferti fl-ammont ta' ħamsa u tletin elf, sitt mija, erbgħa u erbgħin Ewro u disgħa u ħamsin ċenteżmu (€35,644.59).

3. **<u>Tilqa' t-tielet talba</u>** u **TIKKUNDANNA** lill-intimati jħallsu l-ammont ta' **ħamsa u tletin elf, sitt mija erbgħa u erbgħin Ewro u disgħa u ħamsin ċenteżmu (€35,644.59)** lir-rikorrenti.

**L-ispejjeż** għall-proċeduri odjerni għandhom ikunu a kariku tal-intimati.

**Imgħax** għandu jiddekorri mid-data tal-Ittra Uffiċjali tal-4 ta' Marzu 2016 sad-data tal-pagament effettiv.

**Francesco Depasquale LL.D. LL.M. (IMLI)**
Imħallef

**Rita Sciberras**
Deputat Reġistratur